# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 48**

**Rikors numru 872/21/1 AD**

**Carmel Micallef**

**v.**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors promotur ippreżentat minn Carmel Micallef fl-1 ta' Settembru, 2021, li permezz tiegħu ngħad:

> "Ix-xorta tal-ilment u l-fatti li minnhom inqala' l-ilment
>
> 1. Ir-rikorrenti Carmel Micallef jiġġestixxi l-ħanut bl-isem "Charlie's Cellars" fi Triq San Kataldu, kantuniera ma' Triq Santa Rita, fir-Rabat, Malta. In-negozju ġestit minnu huwa dak ta' confectionery. Il-proprjetà

immobbli illi minnha jiġġestixxi dan in-negozju tappartjeni b'akkwist lill-istess rikorrenti.

2. Ir-rikorrenti huwa wkoll sid tal-garaxx internament immarkat bħala numru sebgħa (7) formanti minn kumpless ta' garaxxijiet, sottopost bini ieħor, aċċessibbli minn drive-in komuni, fi Triq Ħad Dingli, Rabat, Malta, liema drive-in tinsab fuq in-naħa tax-xellug ta' binja bin-numru mija, ħamsa u sebgħin (175).

3. Inoltre, ir-rikorrenti jirrileva 'lli l-garaxx internament immarkat bin-numru sebgħa (7) formanti minn kumpless ta' garaxxijiet, sottopost bini ieħor, aċċessibbli minn drive-in komuni, fi Triq Ħad Dingli, Rabat, Malta, liema drive-in tinsab bejn binja bl-isem "Shalom" bin-numru uffiċjali mija sebgħa u tmenin (187) u binja bl-isem "Blossoms" bin-numru uffiċjali mija wieħed u disgħin (191), kien jinsab fil-pussess tiegħu b'titolu ta' kirja.

4. Permezz tan-Nota ta' Qbid numru 144/2021, ir-rikorrenti ġie mgħarraf illi t-tliet proprjetajiet surriferiti kienu kollha kemm huma soġġetti għal qbid mid-Dipartiment tad-Dwana. Din in-nota ta' qbid qiegħda tiġi annessa mar-rikors odjern u mmarkata 'Dok A'.

5. L-intimat ġie nfurmat bil-miktub biċ-ċircostanzi esposti f'dar-rikors u li r-rikorrenti hu kompletament estraneju għal kull allegat ksur ta' provvedimenti tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta, *inter alia* dawk ċitati fin-Nota mertu tal-kawża odjerna, u ma jista' qatt jinżamm responsabbli ta' ebda ksur tal-provvedimenti ċitati. L-intimat ġie infurmat ukoll bil-miktub li r-rikorrenti kien se jikkontesta l-qbid tal-immobbli quddiem din l-Onorabbli Qorti.

6. Ir-rikorrenti kkontesta din in-Nota ta' Qbid permezz ta' ittra ai termini tal-Artikolu 72(2) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 28(1) tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ittra qiegħda tiġi annessa mar-rikors odjern u mmarkata 'Dok B'.

7. Id-debita riċevuta tal-ittra ta' kontestazzjoni ntbagħtet mid-Dipartiment tad-Dwana dakinhar illi l-ittra ġiet depożitata mir-rikorrenti mal-istess dipartiment, ossia nhar l-4 ta' Awwissu 2021. Din qiegħda tiġi annessa mar-rikors odjern u mmarkata 'Dok Ċ'.

8. Għaldaqstant, ir-rikorrenti qiegħed jintavola dan l-att ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 72(2) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u ai termini tal-Artikolu 28(2) tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, għas-segwenti raġunijiet.

9. Ir-raġuni għall-qbid ċitata mid-Direttur Ġenerali tad-Dwana kienet l-allegat ksur tal-Artikolu 17(2) tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan is-sub-inċiż si tratta ta' mezzi ta' ġarr, użati jew li ser ikunu

użati għal importazzjoni, fl-iżbark,fit-twarrib, fiż-żamma, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas.

10. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent jinforma lil din l-Onorabbli Qorti – kif se jiġi debitament muri fil-mori tal-kawża odjerna – illi huwa kompletament estraneju għal kwalunkwe ġarr, użu, żbark, twarrib, żamma, ħabi jew ġarr ta' oġġetti li ma tħallasx id-dazju tagħhom. Bl-iżjed mod kategoriku, ir-rikorrenti jisħaq illi huma mhuwiex konsapevoli ta' ebda minn dawn il-fatti.

11. Fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti ma jistax ma jevidenzjax l-isproporzjonalità lampanti fl-aġir tad-Direttur Ġenerali (Dwana). Bħala uffiċjal pubbliku, huwa minnu li l-istess Direttur huwa mogħni b'ċertu poteri, iżda dawn l-istess poteri għandhom jiġu dejjem eżerċitati b'diliġenza u kawtela. Huwa assodat fil-ġurisprudenza nostrana u Ewropea illi l-konsegwenza jew sanzjoni għal allegat ksur ta' liġi għandha tkun proporzjonata mal-allegat ksur in kwistjoni.

12. Bi tkomplija mal-premessa preċedenti, jingħad illi meta l-prinċipju fundamentali tal-proporzjonalità jiġi applikat għall-fatti odjern, huwa evidenti illi l-qbid tat-tliet proprjetajiet immobbli huwa sproporzjonat għall-aħħar. Dana speċjalment fid-dawl tal-fatt illi l-ammont ta' dazju allegatament dovut huwa fl-ammont ta' €14,948.49.

Ir-raġunijiet 'l għaliex l-ilment għandu jintlaqa'

13. Għar-raġunijiet esposti għandu jintlaqa' l-ilment tar-rikorrenti u t-talbiet konsegwenzjali għall-istess.

14. Il-qbid tat-tliet proprjetajiet immobbli tar-rikorrenti affettwa l-attività kummerċjali tal-istess u kkawżatlu danni inġenti. Ir-rikorrenti ser jibqa' jsofri dawn id-danni sakemm l-istess proprjetajiet ma jiġux debitament rilaxxjati.

Talbiet

Jgħid għalhekk l-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna, u mogħtija dawk il-provvedimenti kollha neċessarji fiċ-ċirkostanzi:

1 tiddikjara u tiddeċiedi illi n-Nota ta' Qbid bir-riferenza numru 144/2021 ġiet maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Dwana) inġustament, b'użu ħazin tad-diskrezzjoni u s-setgħat amministrattivi mogħtija lilu mill-Kap. 37 u l-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta, u fi kwalunkwe kaz irregolarment;

2 tordna konsegwentement ir-revoka u l-annullament tan-Nota ta' Qbid bir-riferenza numru 144/2021;

3 tordna lill-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) sabiex, fi zmien qasir stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, jeħles u jirrilaxxja f'idejn ir-rikorrenti l-proprjetà immobbli kollha maqbuda bis-setgħa tan-Nota ta' Qbid 144/2021;

4 fid-dawl tat-talbiet premessi, tagħti l-provediment/i illi tqis opportuni.

B'riserva ta' kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti, u bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) 'lli huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta tad-Direttur Ġenerali (Dwana) datata 7 t'Ottubru, 2021, li permezz tagħha wieġeb:

"1. Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors tiegħu huma insostenibbli minħabba li huma infondati fil-fatt u fid-dritt ai termini tal-provvedimenti tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Att Dwar id-Dazju tas-SISA (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Illi permezz tal-azzjoni odjerna r-rikorrent qiegħed jikkontesta n-Nota ta' Qbid bin-numru 144/2021[1];

3. Illi sewwasew, permezz ta' din in-nota ta' qbid, u kif wara kollox kien obbligat li jagħmel bl-artikolu 17(2) tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent qabad tlett (3) proprjetajiet, ossia:

i) ħanut bl-isem *Charlie's Cellars* fi Triq San Kataladu, kantuniera ma' Triq Santa Rita, Rabat, Malta;

ii) Garaxx internament immarkat bħala numru sebgħa (7) formanti minn kumpless ta' garaxxijiet, sottopost bini ieħor, aċċessibli minn drive-in komuni, fi Triq Ħad Dingli, Rabat, Malta, li jinsab bejn binja bl-isem Shalom bin-numru uffiċjali mija sebgħa u tmenin (187) u binja bl-isem Blossoms bin-numru uffiċjali mija wieħed u disgħin (191); u

iii) Garaxx internament immarkat bħala numru sebgħa (7) formanti minn kumpless ta' garaxxijiet, sottopost bini ieħor, aċċessibbli minn drive-in komuni, fi Triq Ħad Dingli, Rabat, Malta, li

[1] DOK DGD

tinsab fuq in-naħa tax-xellug ta' binja bin-numru uffiċjali mija ħamsa u sebgħin (175);

4. Illi l-fatti li taw lok għal qbid tal-proprjetajiet elenkati fin-Nota ta' Qbid 144/2021 huma s-segwenti:

a) Illi nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju, 2021, l-uffiċċjali tad-Dwana lemħu vettura tat-tip Mitsubishi RVR bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni CELLARS misjuqa proprju mir-rikorrent dieħla f'kumpless ta' garaxxijiet fi Triq Ħad Dingli, ir-Rabat, Malta;

b) Illi ġewwa dan il-kumpless ta' garaxxijiet kien hemm il-garaxx bin-numru sebgħa (7) miftuħ, u ntlemaħ ir-rikorrent in flagrante jċaqlaq ammont ta' sigaretti mingħajr dazju mħallas;

c) Illi minn ġewwa dan il-garaxx[2] instabu s-segwenti sigaretti sdazjati: i) kaxxa (1) *Business Royals* b'ħamsin (50) kartuna b'mitejn (200) sigarett kull kartuna; ii) żewġ (2) kaxxi *Tradition* b'ħamsin (50) kartuna kull kaxxa b'mitejn (200) sigarett kull kartuna; iii) kaxxa (1) *Tradition* bi tnax (12)-il kartuna b'mitejn (200) sigarett kull kartuna; u iv) erbgħin (4) pakkett tabakk *Drum Original* ta' erbgħin (40) gramma kull pakkett;

d) Illi ġewwa l-vettura *Mitsubishi RVR* bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni *CELLARS* instabu żewġ (2) kartuniet Marlboro Gold b'mitejn (200) sigarett kull kartuna mingħajr dazju mħallas fuqhom;

e) Illi ġjaladarba l-vettura *Mitsubishi RVR* bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni *CELLARS* kienet qed tintuża bħala mezz ta' ġarr tas-sigaretti msemmija, l-esponent ħareġ in-nota ta' qbid bin-numru 143/2021[3] ai termini tal-artikolu 68(1), 69(1)(2) tal-Kap 37 u tal-artikolu 17(2) tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta, liema nota ta' qbid ma ġietx kontestata;

f) Illi sussegwentement għat-tfittxija ġewwa l-garaxx u ġewwa l-vettura, flimkien mar-rikorrent, l-uffiċjali konċernati rħewla lejn il-ħanut *Charlie's Cellars* ġestit mir-rikorrent li jinsab ġewwa r-Rabat, Malta. Illi minn tfittxija ġewwa dan il-ħanut, proprju moħbija ġewwa appliances, l-uffiċċjali tad-Dwana sabu s-segwenti sigaretti sdazjati: i) tlett (3) kartuniet *Tradition* b'mitejn (200) sigarett kull kartuna; ii) żewġ (2) kartuniet *Winston Blue* b'mitejn (200) sigarett kull kartuna; iii) erbgħa (4) kartuniet *Business Royals* b'mitejn (200) sigarett kull persuna; iv) kartuna (1) *Pall Mall Blue* b'mitejn (200) sigarett; v) kartuna (1) *L&M Blue* b'mitejn (200) sigarett; vi) kartuna

[2] Internament immarkat bħala numru sebgħa (7) formanti minn kumpless ta' garaxxijiet, sottopost bini ieħor, aċċessibbli minn drive-in komuni, fi Triq Ħad-Dingli, Rabat, Malta, li tinsab bejn binja bl-isem Shalom bin-numru uffiċjali mija sebgħa u tmenin (187) u binja bl-isem Blossoms bin-numru uffiċjali mija wieħed u disgħin (191)

[3] DOK DGD1;

(1) *Marlboro Gold* b'mitejn (200) sigarett; u vii) kartuna (1) *Marlboro Red* b'mitejn (200) sigarett. Illi minn wara l-bank ta' fejn jaqdi l-klijenti, instabu wkoll i) disa' (9) pakketti tabakk *Drum Original* sdazjati b'erbgħin (4) gramma kull pakkett; u ii) żewġ (2) pakketti tabakk *Golden Virginia The Original* sdazjati b'ħamsin (50) gramma kull pakkett;

g) Illi fl-aħħar nett, l-uffiċjali kompetenti reġgħu marru lura lejn il-kumpless ta' garaxxijiet fi Triq Ħad Dingli, ir-Rabat, Malta, din id-darba sabiex jagħmlu spezzjoni f'kumpless ta' garaxxijiet adjaċenti[4]. Illi inizjalment ir-rikorrent ċaħad kategorikament li huwa kellu garaxx f'dan il-kumpless. Biss pero` wara li l-uffiċjali tad-Dwana bdew iqabblu l-mazz taċ-ċwievet tar-rikorrent mal-katnazzi f'dan il-kumpless ta' garaxxijiet, intebħu li ċavetta minnhom kienet taqbel mal-garaxx bin-numru (7), fl-liema mument ir-rikorrent ammetta li dan il-garaxx kien proprjeta` tiegħu. Illi f'dan il-garaxx instabu ħames (5) kaxxi Business Royals sdazjati b'ħamsin (50) kartuna kull kaxxa b'mitejn (200) sigarett kull kartuna;

h) Illi għalhekk, b'riżultat ta' dawn it-tfittxijiet, instabu ħamsa u tmenin elf u erbgħa mitt (85,400) sigarett u elfejn u sittin (2,060) gramma tabakk mingħajr id-dazju u t-taxxa mħallsa, u għal liema sigaretti u tabakk inħarġet in-nota ta' qbid bin-numru 142/2021[5], liema nota ta' qbid <u>ma ġietx kontestata</u>;

i) Illi li kieku ma kienx għall-intervent propizju tal-uffiċjali tad-Dwana r-rikorrent kien se jevadi dazji u taxxi fl-ammont komplessiv ta' għoxrin elf sebgħa u disgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (EUR20,097.66), u dan a skapitu tal-errarju pubbliku u ta' negozjanti onesti li jottempraw rwieħhom mal-liġijiet doganali;

j) Illi ġjaladarba dawn is-sigaretti u tabakk sdazjat instabu mwarrba, miżmuma, u moħbija fit-tlett (3) proprjetajiet immobbli msemmija aktar 'l fuq, b'konsegwenza tassattiva tal-artikolu 17(2) tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta[6], l-esponent għadda sabiex jaqbad dawn il-proprjetajiet permezz tan-nota ta' qbid bin-numru 144/2021, u dan kif se jkun muri u spjegat f'aktar dettal matul dik il-kawża;

5. Illi hawnhekk tajjeb li jiġi rimarkat li l-qbid doganali huwa proċedura *in rem*. Il-qbid isseħħ fil-konfront tal-oġġett u mhux fil-konfront tal-persuna. Għalhekk kwalunkwe allegazzjoni tar-rikorrent li

---

[4] Sottopost bini ieħor, aċċessibbli minn drive-in komuni, fi Triq Ħad-Dingli, Rabat, Malta, li tinsab fuq in-naħa tax-xellug ta' binja bin-numru uffiċjali mija, ħamsa u sebgħin (175);

[5] DOK DGD2;

[6] 17(2) B'żjieda ma' dan, il-vetturi, il-bastimenti jew mezzi oħra ta' ġarr, użati jew li ser ikunu użati għal importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fiż-żamma, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt dan l-Att, **soġġetti għal konfiska flimkien mal-proprjetà**, mobbli jew **<u>immobbli,</u> illi fiha jinstabu l-oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkun soġġett għal konfiska, <u>għandhom jiġu konfiskat</u>**

huwa kien b'xi mod jew ieħor estraneju għall-fatti li taw lok għall-qbid, jew li saħansitra m'huwiex sid ta' xi waħda mill-proprjetajiet maqbuda hija mmaterjali għall-każ odjern. Dak li huwa ċentrali fil-każ odjern huwa jekk il-proprjetajiet maqbuda kinux qed iservu bħala mkejjen sabiex jostru ġewwa fihom oġġetti llegali;

6. Illi sa fejn ir-rikorrent jallega li l-aġir tal-esponent huwa wieħed sproporzjonat tant li jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu, din l-Onorabbli Qorti m'għandiex il-kompetenza tiddeċiedi fuq materja ta' indoli kostituzzjonali u għaldaqstant din l-allegazzjoni għandha tkun skartata. Illi fi kwalunkwe każ, l-esponent jirrispinġi kwalunkwe allegazzjoni li l-aġir tiegħu huwa b'xi mod jew ieħor sproporzjonat. Dak li trid tistħarreġ din l-Onorabbli Qorti hawnhekk huwa jekk l-esponent mexiex skont id-disposizzjonijiet doganali, u għalhekk jekk il-qbid kienx skont il-liġi;

7. Illi l-azzjoni ai termini tal-artikolu 72 tal-Kap 37 u tal-artikolu 28 tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta hija ntiża unikament sabiex persuna tikkontesta qbid u b'hekk jiġi deċiż minn Qorti jekk l-esponent kienx fis-sewwa u skont il-liġi meta għadda sabiex jaqbad l-oġġett/i. Di piu`, kwalunkwe allegazzjoni tar-rikorrent li dan il-qbid seta' kkawżalu danni nġenti għandha tiġi mwarrba għaliex skont l-artikolu 17(4) tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta m'hemm ebda jedd t'azzjoni kontra l-Kummissarju għal danni kkaġunati billi tkun inżammet proprjeta` immobbli;

8. Illi għal dak li għandu x'jaqsam mar-raba' talba tar-rikorrent, din it-talba għandha tiġi skartata ġjaladarba hija waħda vaga u ma tagħtix l-opportunita` lill-esponent li jiddefendi lilu nnifsu kif xieraq. Apparti minn hekk, din l-Onorabbli Qorti hija marbuta strettament ma' dak li jitlob ir-rikorrent, u provvediment ma jistax ikun ultra jew extra petita;

9. Illi li kieku ma kienx għall-intervent propizju tad-Dwana, dawn l-imkejjen maqbuda kienu sejrin jibqgħu jintużaw għal skopijiet illeċiti b'detriment serju għall-erarju pubbliku u żleata` kummerċjali fil-konfront ta' kummerċjanti li jottempraw ruħhom mal-liġijiet doganali;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu."

3. Rat il-provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta' Diċembru, 2022, li permezz tiegħu l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tar-rikorrent Carmel Micallef għal referenza kostituzzjonali.

4. Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Jannar, 2023, li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tar-rikorrent għal żieda fit-talbiet tiegħu fir-rikors promotur, skont l-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-22 ta' Ġunju, 2023, li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjonijiet tad-Direttur Ġenerali (Dwana) fil-ħames u s-sitt paragrafi tar-risposta tiegħu għar-rikors promotur u ċaħdet kemm l-ewwel talba tar-rikorrent, kif ukoll it-talbiet l-oħra tiegħu, peress li huma konsegwenti għall-istess talba. Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "26. Il-kawża odjerna ġiet intavolata fit-termini tal-Artikolu 72(2) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 28(2) tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe l-proċedura sabiex jiġi kontestat qbid ta' ħwejjeġ konfiskati minn uffiċjali tad-dwana[7]. Fil-każ odjern, il-ħwejjeġ maqbuda jikkonsistu, inter alia, fis-segwenti immobbli[8]:
>
> • Ħanut bl-isem Charlie's Cellars, fi Triq San Kataldu, kantuniera ma' Triq Santa Rita, Rabat, Malta;
>
> • Garaxx internament immarkat bin-numru sebgħa (7) formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet sottopost bini ieħor, aċċessibbli minn drive-in komuni fi Triq Ħad-Dingli, Rabat, Malta, li tinsab bejn binja bl-isem "Shalom" bin-numru uffiċjali mija sebgħa

[7] Jiġi senjalat illi fil-mori tal-proċeduri odjerni, l-Artikolu 72 tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 28 tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sostitwiti permezz tal-Att XII tal-2023. Din il-Qorti, iżda, sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fit-termini tal-liġi kif kienet qabel daħlu fis-seħħ dawn l-emendi, gialadarba l-kawża odjerna ġiet intavolata f'Settembru 2021.

[8] Vide nota ta' qbid nru 144/2021 annessa mar-rikors promotur bħala Dok A, a fol 6 tal-proċess

u tmenin (187) u binja bl-isem “Blossoms” bin-numru uffiċjali mija wieħed u disgħin (191);

• Garaxx internament immarkat bin-numru sebgħa (7) formanti parti minn kumpless ta’ garaxxijiet, sottopost bini ieħor, aċċessibbli minn drive-in komuni fi Triq Ħad-Dingli, Rabat, Malta, li tinsab fuq in-naħa tax-xellug ta’ binja bin-numru uffiċjali mija, ħamsa u sebgħin (175);

Minbarra din il-proprjeta’ immobbli, ġiet maqbuda wkoll il-vettura tal-għamla Mitsubishi RVR bin-numru ta’ Reġistrazzjoni CEL445 (CELLARS)[9], u ammont ta’ sigaretti u tabakk[10]; madanakollu, huwa evidenti mit-test tar-rikors promotur u tat-talbiet rikorrenti illi dik illi qiegħed jikkontesta r-rikorrent hija biss in-Nota ta’ Qbid Nru 144/2021, u cioe dik illi permezz tagħha ġiet maqbuda l-proprjeta’ immobbli. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tikkonsidra biss il-legalita’ ta’ din in-Nota ta’ Qbid, b’esklużjoni taż-żewġ Noti ta’ Qbid l-oħra;

27. Permezz tal-kawża odjerna, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-qorti sabiex:

a. tiddikjara u tiddeċiedi illi n-Nota ta’ Qbid nru 144/2021 ġiet maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Dwana) inġustament, b’użu ħażin tad-diskrezzjoni u s-setgħat amministrattivi mogħtija lilu mill-Kap 37 u Kap 382 tal-Liġijiet ta’ Malta, u fi kwalunkwe każ irregolarment;

b. tordna konsegwentement ir-revoka u l-anullament tan-Nota ta’ Qbid bir-referenza numru 144/2021;

c. tordna lill-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) sabiex, fi żmien qasir stabbilit minn din il-Qorti, jeħles u jirrilaxxa l-proprjeta’ immobbli kollha;

d. fid-dawl tat-talbiet premessi, tagħti l-provvedimenti illi tqis opportuni;

Dan għal żewġ raġunijiet:

(i) Fl-ewwel lok, illi r-rikorrent huwa kompletament estraneju għal kwalunkwe ġarr, użu, żbark, twarrib, żamma, ħabi jew ġarr ta’ oġġetti li ma tħallasx dazju tagħhom; u

(ii) Fit-tieni lok, illi d-Direttur kellu jeżerċita l-poteri tiegħu b’diliġenza u kawtela, peress illi huwa assodat fil-ġurisprudenza nostrana u Ewropea illi l-konsegwenza jew sanzjoni għal allegat

[9] Vide Nota ta’ Qbid nru 143/2021 immarkata Dok DGD1 annessa mar-risposta tal-intimat a fol 19 tal-proċess

[10] Vide Nota ta’ Qbid nru 142/2021 immarkata Dok DGD2 annessa mar-risposta tal-intimat, a fol 20-21 tal-proċess

ksur ta' liġi għandha tkun proporzjonata mal-allegat ksur in kwestjoni. Ir-rikorrent isostni illi l-qbid tat-tliet proprjetajiet immobbli huwa sproporzjonat għall-aħħar, b'mod partikolari tenut kont tal-fatt illi l-ammont ta' dazju allegatament dovut huwa fl-ammont ta' €14,948.49;

28. Jiġi għall-fini ta' kjarezza senjalat illi l-qbid tal-proprjeta' immobbli saret fit-termini tal-Artikolu 17(2) tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi:

> *"(2) B'żjieda ma' dan, il-vetturi, il-bastimenti jew mezzi oħra ta' ġarr, użati jew li ser ikunu użati għal importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fiż-żamma, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt dan l-Att, soġġetti għal konfiska flimkien mal-proprjetà, mobbli jew immobbli, illi fiha jinstabu l-oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkun soġġett għal konfiska, għandhom jiġu konfiskati:*
>
> *Iżda ebda bastiment ma jkun soġġett għal konfiska taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jekk ma jkunx ta' portata anqas minn mitejn u ħamsin tunnellaġġ nett ta' reġistru."*

A. <u>L-Involviment tar-Rikorrent</u>

29. Ir-rikorrent jinsisti illi huwa ma kienx konsapevoli tal-fatt illi kien qed isir xi ġarr, użu, żbark, twarrib, żamma, ħabi jew ġarr ta' oġġetti li ma tħallasx id-dazju tagħhom. Fl-affidavit tiegħu[11] jgħid, *"Jien minix involut fil-proċess ta' importazzjoni u distribuzzjoni tax-xogħol iżda sempliċiment inbiegħu lil dak li jissejjaħ l-end consumer."* Jgħid ukoll, "*minkejja li dawn il-proprjetajiet legalment jgħajtu lili, jien minix l-unika persuna li għandha aċċess għalihom. L-ex-mara tiegħi u l-erba' ulied tiegħi (li huma lkoll maġġorenni), ukoll għandhom aċċess liberu għall-ħanut u ż-żewġ garaxxijiet, billi kollha għandhom kopja taċ-ċwievet kull wieħed, u kollha jagħmlu użu minnhom b'mod liberu."* Jerġa' jikkonferma wkoll, "*Kif spjegajt ukoll, jien ma kelli xejn x'naqsam mas-sigaretti maqbuda u kien hemm terzi li kellhom aċċess liberu għall-ħanut u ż-żewġ garaxxijiet."* In kontro-eżami[12] mbagħad jispjega kif isegwi:

> *"Xhud L-aċċess biex jekk jinqala' xi darba xi ħaġa isibu ċ-ċwievet u jmorru jiftħu hux, mela jien naf, forsi mmut.*
>
> *Dr Zammit All right, jiġifieri meta qed tgħid li għandhom aċċess liberu jiġifieri mhux jużawh b'mod liberu, għandhom aċċess jekk iridu.*
>
> *Xhud Aċċess għalih.*

[11] A fol 73-74 tal-proċess
[12] Vide traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu a fol 185 et seq tal-proċess

*Dr Zammit All right, ma jużawhx jiġifieri ma jużawhomx il-proprjetajiet.*

*Xhud No."*

Mistoqsi wkoll in kontro-eżami jekk kienx hemm terzi (apparti l-ex-mara u l-erba' wlied) illi kellhom aċċess għall-istess proprjetajiet, ix-xhud jgħid, "*Id-delivery men hux, I mean kont intiehom iċ-ċavetta u jmorru jqiegħdu x-xogħol hemmhekk, u sigaretti whatever*." Jispjega, "*Jiena peress li nkun il-ħanut waħdi, ħeqq mhux għalkemm tagħlaq u terġa' tiftaħ u ddaħħal u x'naf jien, allura kont jiġu d-delivery men, u dawn ngħidilhom per eżempju ħa mur sib garaxx minnhom, konna dejjem b'żewġ ċwievet, u jagħmilli x-xogħol hemmhekk, jiġi lura, inħallsu, u l-barka ta' Alla bid-daqq, imbagħad meta jkolli bżonn ix-xogħol immur għalih*." Mistoqsi, iżda, sabiex jikkonferma illi l-aċċess għal dawn il-proprjetajiet (cioe, il-garaxxijiet) kien jagħtihulhom hu lid-delivery-men, ir-rikorrent jirrispondi, "*Iva u żgur*.";

30. Huwa evidenti saħansitra mit-test tal-Artikolu 17(2) tal-Kap 382 stess illi l-konfiska ta' proprjeta' mobbli u/jew immobbli illi tiġi wżata għal importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fiż-żamma, fil-ħabi jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx mħallas, hija obbligazzjoni tassattiva. Infatti l-leġislatur għamel użu ċar tal-kliem '*għandhom jiġu konfiskati'*. Dan ifisser illi d-Direttur Ġenerali (Dwana) m'għandux diskrezzjoni dwar jekk jikkonfiskax tali immobbli jew le, iżda huwa obbligat illi jaqbad l-immobbli flimkien mal-oġġetti nfushom. Infatti, ġie ritenut dwar l-Artikolu 68 tal-Kap 37, illi prattikament huwa identiku għall-Artikolu 17(2) tal-Kap 382, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet Diane Holdings Limited et vs Il-Kontrollur tad-Dwana[13]:

> "Jiġi osservat li dan l-artikolu ma jipprovdix biss għall-konfiska f'każ ta' żbark jew importazzjoni iżda saħansitra għat-twarrib, żamma, ħabi jew sempliċi ġarr ta' ħwejjeġ li huma suġġetti għall-konfiska. Din il-liġi ma fiha l-ebda limitazzjoni jew eċċezzjoni għal tali konfiska kkontemplata fis-sens li ladarba jirriżulta ksur tal-provvediment ta' l-Artikolu 68, il-konfiska tal-bastiment jew mezz ta' ġarr, hemm imsemmija hija mandatorja, billi l-Kontrollur tad-Dwana ma jingħata ebda diskrezzjoni."

31. Hekk ukoll kien ġie preċedentement deċiż fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa vs Kontrollur tad-Dwana[14]:

> *"Jigi osservat mill-ewwel li dan l-artikolu ma jipprovdix biss ghal-konfiska f'kaz ta' zbark jew importazzjoni izda sahansitra ghat-twarrib, zamma, habi jew semplici garr ta' hwejjeg li huma suggetti ghall-konfiska. Darba li fuq il-vapur kien hemm oggetti "suggetti ghall-konfiska" (ara wkoll l-Artikolu 6(5) tal-imsemmija Ordinanza), il-*

[13] Rik Nru 117/2008/2, Qorti tal-Appell (Superjuri), 27 t'Ottubru 2021
[14] Rik Nru 1123/2009, Qorti tal-Appell (Superjuri), 29 ta' Jannar 2016

*konfiska tal-bastiment hija wahda mandatarja. L-appellant gustament jishaq li taht din il-ligi specjali ma hemm l-ebda limitazzjoni jew eccezzjoni ghal tali konfiska kontemplata, fis-sens li ladarba jirrizulta ksur tal-provvediment tal-Artikolu 68, il-konfiska hemm imsemmija hija mandatarja, billi l-Kontrollur tad-Dwana ma nghata ebda diskrezzjoni. Fil-fatt fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut illi:*

> *"Ghal fini tal-Artikolu 68 dak li jitqies l-aktar centrali hu l-fatt li l-vettura ntuzat biex jigi mwettaq reat kontra l-ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien assoggetta l-istess vettura ghal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni in calce tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Frar 2003 in re: "Cara Ltd -vs- Kontrollur tad-Dwana" tibqa' wahda valevoli. A propozitu jinghad fiha illi "l-proceduri ta' konfiska huma proceduri in rem. Gjaladarba l-merkanzija dahlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana l-intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha" – ara Francis Xuereb pro et noe. v Kontrollur tad-Dwana - deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fl-10 t'Ottubru 2005."*

32. Dawn l-istess prinċipji japplikaw ukoll, *in toto*, għall-Artikolu 17(2) tal-Kap 382, illi wkoll jagħmilha ċara illi l-konfiska tal-proprjeta' immobbli illi fiha jinsabu oġġetti illi fuqhom ma tħallasx dazju hija mandatarja, u mhux soġġetta għad-diskrezzjoni tad-Direttur Ġenerali (Dwana);

33. Fis-sentenza appena ċitata, imbagħad, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) kompliet ukoll:

*"Jigi osservat ukoll illi x-xjenza o meno ta' sid il-bastiment jew sid il-vettura, skont il-kaz, ma ticcentrax fil-materja. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-29 t'Ottubru, 2010, fl-ismijiet Helen Samantha Brett v. Kontollur tad-Dwana:*

> *"Illi minn qari ta' Artikolu 68 (1) tal-Kap 37 jirrizulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qieghed jitkellem fuqha l-legislatur hija ta' dak li jkun qieghed juza l-bastiment.*
>
> *Imkien il-ligi ma taghmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Ghalhekk fejn il-ligi ma tiddistingwix lanqas m'ghandhom jiddistingwu dawn il-Qrati. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza "Francis Xuereb pro et noe. vs Kontrollur tad-Dwana" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005, kif ikkwotata b'approvazzjoni mill-ewwel Qorti, liema kawza kienet tixbah hafna lill-kawza odjerna. F'dik is-sentenza l-Qorti spjegat b'mod car hafna l-kuncett tax-xjenza f'Artikolu 68 tal-Kap 37. Din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet validi ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-hsibijiet enuncjati fis-sentenza kwotata. Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza Guido Vella vs Kontrollur tad-Dwana deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-31 ta' Ottubru 2008 fejn f'cirkostanzi simili il-Qorti, segwiet l-istess hsibijiet u qalet:*
>
> > *"Il-Qorti wara li ezaminat il-provi fid-dettal, thoss li huwa probabbli li l-attur ma kienx jaf x'inhu ghaddej u li l-operazzjoni li fiha kienet ser tinkiser il-ligi kienet saret min-nies oħrajn. Madankollu kif sewwa eccepixxa l-intimat, din il-procedura tal-konfiska hija waħda in rem u l-buonafede u innocenza tal-proprjetarju tal-oggett konfiskat ma jaffetwawx il-validita' tal-konfiska jekk l-oggetti konfiskati jkunu il-corpus delicti fis-sens li*

*jkunu ddahhlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew sar attentat biex dan isir – ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana deciza fis-27 ta' Frar, 2003".*"

34. Hekk ukoll, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet Joseph Farrugia vs Direttur Ġenerali, Dwana ta' Malta[15], ġie ritenut illi:

"Hu minnu li l-ligi fl-Artikolu 73 tikkontempla procedura specjali sabiex persuna tipproponi kawza biex l-oggetti maqbuda jinhelsu, madankollu meta kaz jigi quddiem il-qorti trid tapplika l-ligi sostantiva. 'Il fatt li persuna tista' tikkontesta nota ta' qbid, il-qorti xorta jkollha tapplika l-ligi sostantiva ghal fatti tal-kaz li jkollha quddiemha. Jekk mill-provi jirrizulta li l-mezz tal-garr intuza xjentement fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma thallasx, il-konfiska hi ex lege. L-Artikolu 68 ma jipprovdix ghal eccezzjoni fil-kaz li s-sid ma kellux x'jaqsam fir-reat. Tant dan hu minnu li l-Artikolu 67 tal-istess ligi jipprovdi li oggetti li jkunu nqabdu taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 37 u li jigu esibiti fil-qorti waqt proceduri gudizzjarji, f'kaz ta' sejbien ta' htija jsiru proprjeta tal-Gvern. Hawn ukoll il-qorti m'ghandhiex diskrezzjoni. Il-provvediment ma jaghmilx distinzjoni proprjeta ta' min huma l-oggetti, u anzi l-Artikolu 67 jibda bil-kliem: "B'dak kollu li jinsab f'kull ligi ohra.....". Ghalhekk f'kazijiet taht il-Kap. 37 ma japplikax dik il-parti tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) li jipprovdi li l-corpus delicti ma jigix konfiskat meta persuna "…. li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti". Fattur li jsahhah il-fehma tal-qorti kemm f'kazijiet ta' kuntrabandu l-ligi, fir-rigward tal-konfiska tal-corpus delicti, ma taghmilx distinzjoni bejn min iwettaq ir-reat u s-sid li ma jkunx ha sehem fid-delitt."

35. Fil-każ in eżami, Michael Grima, Spettur fid-Dipartiment tad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar, xehed illi ra li r-rikorrent "*kellu l-garaxx miftuħ, biċ- ċwievet fil-lock stess jiġifieri hemmhjekk, kienu mazz ċwievet mal-lock u kien qed jaqbad il-kartun tas-sigaretti mill-garaxx, kellu kartun, kaxxi tas-sigaretti, qed jaqbad il-kartun, carton u jpoġġihom ġo basktijiet tal-plastik tal-marka Business Royals f'karozza li kien hemm ipparkjata fil-garaxx stess fuq il-booth ta' wara imma, mhux fil-karozza, fuq il-booth ta' wara.*"[16] Jixhed ukoll illi saret it-tfittxija f'dan l-istess garaxx, fejn instabu kwantita' ta' sigaretti illi ma kinitx tħallset taxxa tas-SISA fuqhom, u oħrajn illi l-importazzjoni tagħhom f'Malta hija llegali[17]. L-istess xhud jikkonferma wkoll illi nstabu sigaretti u pakketti tat-tabakk mingħajr bolla tas-SISA fil-ħanut Charlie's Cellar[18], u kwantita' oħra ta' sigaretti fit-tieni garaxx[19]. Din ix-

[15] Rik Nru 278/2013, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ A Ellul, 13 ta' Novembru 2015
[16] Vide traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu, a fol 29 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit tiegħu, immarkat bħala Dok MG a fol 99 tal-proċess
[17] Ibid.
[18] Ibid, a fol 32 tal-proċess
[19] Ibid, a fol 34 tal-proċess

xhieda hija korraborata wkoll minn Redeemer Farrugia, Fizzjal mad-Dipartiment tad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar[20];

36. Ir-rikorrent ma jikkontestax il-fatt illi l-oġġetti sdazjati nstabu fil-proprjetajiet maqbuda, iżda jikkontesta l-fatt illi huwa kellu b'xi mod x'jaqsam mal-importazzjoni, ħabi jew żamma tal-oġġetti in kwestjoni. Din, iżda, hija biss il-kelma tiegħu, li ma ġiet korraborata bl-ebda xhieda jew prova oħra. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet Francis Xuereb pro et noe vs Kontrollur tad-Dwana[21]:

> *"L-azzjoni esperita mir-rikorrenti hi tendenti ghar-ri-akkwist u rivendikazzjoni tal-proprjeta` tal-vettura. In tema ghall-Artikolu 68 jinkombi fuqu li jgib prova li l-utent tal-vettura ma agixxiex "xjentement". Skond principji tradizzjonali, fil-kamp civili, l-onus probandi jagrava dejjem fuq l-attur jew f' dan il-kaz, ir-rikorrenti, ghaliex l-affermazzjoni qed jaghmilha hu, u l-intimat ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa' assistit mir-regola procedurali sancita fl-Artikolu 562, Kapitolu 12 li tistabilixxi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". Dan ifisser illi huwa r-rikorrenti li jibqa' mghobbi li joffri prova adegwata u allura c-certezza tal-fatt allegat. Xejn allura ma jiswa r-riljiev sottomess mill-appellanti tal-falliment tal-provi dedotti mill-intimat in dimostrazzjoni ta' l-infondatezza tal-pretensjoni tieghu. Dan anke ghaliex huwa konformi ghall-principju regolanti l-piz tal-prova, u allura wkoll ta' l-esigenza logika, illi l-addossar ta' dan l-istess piz jaqa' fuq min jallega fatt favorevoli ghalih. Jaggrava ghalhekk bi dmir fuqu li jaghti prova ta' l-ezistenza ta' dak il-fatt. Fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma rnexxielux jiddemostra, ghas-sostenn tat-talba tieghu ta' rivendika, illi min ghamel uzu bil-vettura tieghu ghat-trasport ta' oggetti sdazjali ma kellux tabilhaqq dik ix-xjenza li jsemmi l-Artikolu 68, u li jista' jitqies bhala sostratt baziku taghha. "Xjenza" din li, inversament, fil-proceduri kriminali kontra l-utent tal-vettura, jispetta lil prosekuzzjoni li tipprova u ssostni. Dan ghaliex, kif saput, id-dixxiplina tal-piz tal-prova hi regolata differentement fil-kamp penali. Il-mankanza tar-rikorrenti li jgib 'il quddiem u jsostni l-fatt principali allegat igib, b' konsegwenza, illi lanqas ma jinsab sostenut illi l-intimat agixxa abuzivament jew mhux konformement mad-dettam u l-ispirtu tal-ligi fl-Ordinanza citata (Kapitolu 37)."*

37. Hekk ukoll, fil-każ odjern, din il-Qorti mhix sodisfatta illi r-rikorrent ma kellux ix-xjenza tal-fatt illi l-oġġetti sdazjati kienu qed jiġu miżmuma fil-proprjeta' tiegħu. Dan b'mod partikolari minħabba illi ma tressqet l-ebda prova, għajr il-kelma tar-rikorrent, illi kien hemm xi persuna oħra illi kellha aċċess għall-istess proprjetajiet. Minkejja illi r-rikorrent isemmi illi hemm terzi oħra illi kellhom aċċess għall-proprjeta', huwa ma jressaq l-ebda prova sabiex jissostanzja din l-allegazzjoni tiegħu, b'dana illi din il-Qorti ma tistax tikkonsidra l-verżjoni tiegħu bħala l-verżjoni veritiera. Dan b'mod partikolari tenut

[20] Vide traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu, a fol 43 et seq tal-proċess
[21] Appell Ċivili Nru 245/2004/2, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 10 t'Ottubru 2005

kont tal-fatt illi huwa stess inqabad iġorr l-oġġetti sdazjati mill-Uffiċjali tad-Dwana;

38. Għaldaqstant, in kwantu l-allegat nuqqas ta' involviment tar-rikorrent ġie ċitat bħala raġuni għalfejn in-Nota ta' Qbid nru 144/2021 għandha tiġi revokata, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak illi ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fil-ismijiet Raymond Camilleri vs Direttur Ġenerali (Dwana)[22]:

> *"Kif sewwa ritenut fil-prinċipji enunċjati fil-ġurisprudenza, f'azzjoni ċivili ta' din ix-xorta, il-Qorti m'hijiex tindaga dwar il-ħtija o meno tar-rikorrent, iżda jekk id-Direttur Ġenerali Dwana kienx fis-sewwa meta ta lok għall-qbid ta' l-oġġetti maqbuda."*

39. Din il-Qorti tqis illi r-rikorrent ma rnexxilux jipprova dak minnu allegat. Mill-provi jirriżulta illi s-sigaretti u t-tabakk illi nstabu ma kienx tħallas dazju fuqhom (evidenti mill-fatt illi la kellhom bolla tas-SISA fuqhom, u lanqas ġew preżentati xi fatturi illi setgħu jindikaw ħlas ta' dazju), u li s-sigaretti u t-tabakk instabu fil-proprjeta' immobbli illi ġiet maqbuda. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi r-rikorrent kien ben konxju ta' dak illi kien qiegħed jiġri fil-proprjeta' tiegħu, anke jekk tali konoxxenza hija essenzjalment irrelevanti għall-validita' o meno tal-konfiska;

40. Konsegwentement, din il-Qorti ma ssibx illi t-talbiet rikorrenti jistgħu jintlaqgħu a bażi tal-fatt illi r-rikorrent allegatament ma kienx konsapevoli ta' kwalunkwe ġarr, użu, żbark, twarrib, żamma, ħabi jew ġarr ta' oġġetti li ma tħallasx id-dazju fuqhom.

B. <u>L-Isproporzjonalita' bejn il-Valur tal-Oġġetti Sdazjati u l-Valur tal-Proprjeta' Immobbli Maqbuda</u>

41. Fir-rikors promotur, ir-rikorrent isostni illi tissussisti sproporzjonalita' lampanti fl-aġir tad-Direttur Ġenerali (Dwana), illi, bħala uffiċjal pubbliku, għandu jeżerċita l-poteri tiegħu b'diliġenza u kawtela, b'dana illi l-konsegwenza jew sanzjoni għal allegat ksur ta' liġi għandha tkun proporzjonata mal-ksur in kwestjoni;

42. Irriżulta evidenti fil-mori tal-proċeduri odjerni, illi r-rikorrent kien qiegħed jittenta jressaq ilmenti ta' natura kostituzzjonali. Infatti, l-ewwel ressaq rikors illi permezz tiegħu talab illi ssir referenza Kostituzzjonali, liema talba ġiet miċħuda minn din il-Qorti stante illi ma ġietx segwita l-proċedura idonea. Din it-talba ġiet segwita b'talba oħra sabiex din il-Qorti stess tittrasforma ruħha f'Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, liema talba ġiet miċħuda stante illi r-rikorrent kellu a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji, senjatament il-kawża odjerna. Fiż-żewġ istanzi r-rikorrent kien qed jallega illi qed jiġu miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni

[22] Rik Nru 1127/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ F Depasquale, 24 ta' Ġunju 2021 (appellata, iżda l-appell ġie dikjarat deżert)

ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, preċiżament minħabba l-isproporzjonalita' fil-valur tal-oġġetti sdazjati vis-a-vis l-valur tal-proprjeta' immobbli maqbuda. Sussegwentement, ir-rikorrent intavola rikors ieħor illi permezz tiegħu talab illi tiżdied talba oħra fir-rikors promotur sabiex il-proprjeta' immobbli tiġi rilaxxata, anke fil-każ illi jirriżulta illi ma tħallasx id-dazju fuq il-kunsinna ta' sigaretti mertu tal-istess nota, għaliex sostna illi tali konfiska hija waħda sproporzjonata meta mqabbla mal-valur tas-sigaretti msemmija u tad-dazju li kellu jitħallas fuqhom. Din it-talba ġiet ukoll miċħuda minn din il-Qorti. Finalment, imbagħad, ir-rikorrent, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jagħmel sottomissjonijiet fit-tul dwar l-ilmenti Kostituzzjonali tiegħu, senjatament illi l-qbid tat-tleit immobbli riferuti fin-Nota ta' Qbid 144/2021 qed twassal sabiex huwa jsofri leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea;

43. Primarjament jiġi senjalat dak illi ġiet ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet Triva Shipping Company Limited vs Direttur Ġenerali (Dwana) et[23]:

> *"[...][F]i kwalunkwe każ, kif sewwa jargumenta d-Direttur appellat, din il-Qorti mhijiex kompetenti sabiex tiddetermina lmenti dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali, li jaqgħu fil-qafas tal-kompetenza esklussiva tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali."*

Madanakollu, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) osservat iżda fl-istess sentenza:

> *"Il-Qorti tagħraf illi peress li fl-applikazzjoni tal-liġijiet doganali l-Istat ikun qiegħed japplika wkoll il-liġi tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipji żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, inkluż il-prinċipju ta' proporzjonalita' nvokat mill-appellanti, jorbtu lill-Istat li għalhekk huwa meħtieġ li josservahom."*

L-istess ingħad ukoll fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet Marine Fuels and Supplies Limited et vs Id-Direttur Ġenerali (Dwana) et[24];

44. Il-Qorti tinnota illi <u>ma tressqet l-ebda talba</u> sabiex jiġi dikjarat li kien hemm vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif tutelati mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea, b'dana illi fil-każ illi din il-Qorti tasal sabiex tagħti xi deċiżjoni dwar vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali, tkun marret ultra petita, cioe oltre t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

---

[23] Rik Nru 845/2017/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 22 ta' Ġunju 2022
[24] Rik Nru 844/2017/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 22 ta' Ġunju 2022

45. In oltre, fl-aħħar parti tar-rikors promotur, saret riserva mir-rikorrent "*ta' kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti*", b'dana illi r-rikorrent irriserva d-dritt tiegħu illi jressaq azzjoni kostituzzjonali jekk hekk jixtieq, irrispettivament mill-eżitu tal-kawża odjerna;

46. Għaldaqstant, in konsiderazzjoni tal-premess, din il-Qorti sejra tqis biss l-ilmenti tar-rikorrenti fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalita' żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea;

47. L-Artikolu 5(4) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi illi:

*"Under the principle of proportionality, the content and form of Union action shall not exceed what is necessary to achieve the objectives of the Treaties.*

*The institutions of the Union shall apply the principle of proportionality as laid down in the Protocol on the application of the principles of subsidiarity and proportionality."*

48. Malta hija marbuta, bl-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, illi tikkombatti l-frodi u l-attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri li jservu ta' deterrent kif ukoll illi jkunu tali li joffru protezzjoni effettiva fl-Istati Membri, kif ukoll fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni Ewropea. Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq[25], ġie ritenut:

*"209 L-Artikolu 325(1) TFUE jobbliga lill-Istati Membri jiġġieldu kontra l-frodi u kull attività illegali oħra li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri dissważivi u effettivi (sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev et, C-612/15, EU:C:2018:392, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).*

*210 Konformement mal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2014/335, li l-kontenut tiegħu huwa essenzjalment identiku għal dak tal-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni 2007/436, ir-riżorsi proprji tal-Unjoni jinkludu b'mod partikolari d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni. Għaldaqstant, hemm rabta diretta bejn il-ġbir tad-dħul minn dawn id-dazji u t-tqegħid tar-riżorsi korrispondenti għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Kull nuqqas fil-ġbir ta' dan id-dħul huwa potenzjalment il-kawża ta' tnaqqis ta' dawn ir-riżorsi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev et, C-612/15, EU:C:2018:392, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).*

*211 B'hekk, sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni skont l-Artikolu 325(1) TFUE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġi ggarantit il-ġbir effettiv u sħiħ tad-dazji doganali, li jeżiġi li l-kontrolli doganali jkunu jistgħu jitwettqu kif suppost (sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev et, C-612/15, EU:C:2018:392, punt 52).*

*212 B'hekk, mill-obbligi imposti fuqhom fl-Artikolu 325(1) TFUE jirriżulta li l-Istati Membri għandhom jipprevedu, għal dan il-għan, l-applikazzjoni mhux biss*

[25] C-213/9, Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla Manja), 8 ta' Marzu 2022

*ta' sanzjonijiet adegwati, iżda wkoll ta' miżuri ta' kontrolli doganali effettivi u dissważivi sabiex il-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni jiġi miġġieled b'mod xieraq billi dan jista' jostakola l-ġbir effettiv u sħiħ tar-riżorsi proprji tradizzjonali li d-dazji doganali jikkostitwixxu u, għaldaqstant, jista' jippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev et, C-612/15, EU:C:2018:392, punt 53).*

*213 Ċertament, skont l-Artikolu 325(1) TFUE, sabiex jiġi ggarantit il-ġbir effettiv u sħiħ tad-dħul assenjat għar-riżorsi proprji tal-Unjoni u, b'mod partikolari, dak li d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni jikkostitwixxu, l-Istati Membri għandhom ċerta diskrezzjoni u libertà tal-għażla fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, il-mod kif għandhom jintużaw il-mezzi għad-dispożizzjoni tagħhom. Madankollu, din id-diskrezzjoni jew din il-libertà tal-għażla hija limitata, mhux biss mill-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ekwivalenza, iżda wkoll mill-prinċipju ta' effettività, li jeżiġi li l-miżuri meħuda jkunu effettivi u dissważivi, bir-riżerva madankollu tar-rispett meħtieġ tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' April 2016, Degano Trasporti, C-546/14, EU:C:2016:206, punti 20 u 21; tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B., C-42/17, EU:C:2017:936, punti 33 sa 36; u tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev et, C-310/16, EU:C:2019:30, punti 27, 30 u 34, u l-ġurisprudenza ċċitata).*

*214 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 325(1) TFUE jistabbilixxi obbligi preċiżi fir-rigward tar-riżultat għall-Istati Membri li ma huma suġġetti għal ebda kundizzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli li huwa jistipula (sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev et, C-612/15, EU:C:2018:392, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).*

*215 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u kuntrarjament għal dak li jsostni r-Renju Unit, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li l-Istati Membri għandhom, skont l-Artikolu 325(1) TFUE, marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fl-għażla tal-miżuri meħuda sabiex jikkombattu frodi li tista' tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod li huma biss il-miżuri manifestament mhux xierqa fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ li jistgħu jiġu ssanzjonati skont din id-dispożizzjoni.*

*216 Barra minn hekk, din il-ġurisprudenza ma tistax, kuntrarjament għal dak li jsostni r-Renju Unit, tikkostitwixxi bażi għall-argument li l-obbligu li jiġi żgurat ġbir effettiv u sħiħ tar-riżorsi proprji ma jeżiġix li jsiru sforzi intensi sabiex jiġu kkontrollati u rkuprati t-taxxi li jikkontribwixxu għal dawn ir-riżorsi, iżda sempliċement sforzi raġonevoli, u lanqas għal dak li skontu l-Istati Membri għandhom biss jagħtu prova ta' diliġenza fil-ġbir tal-imsemmija riżorsi. Għall-kuntrarju, skont il-kliem stess ta' din il-ġurisprudenza, l-Artikolu 325(1) TFUE jimponi "obbligi preċiżi fir-rigward tar-riżultat" fuq l-Istati Membri u mhux biss obbligi tal-mezzi użati.*

*[...]*

*219 Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rekwiżiti li l-Artikolu 325(1) TFUE jimponi, fir-rigward tas-sanzjonijiet intiżi li jissanzjonaw il-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni, jirriżulta li, għalkemm l-Istati Membri għandhom f'dan ir-rigward libertà tal-għażla f'dak li jirrigwarda s-sanzjonijiet applikabbli, li jistgħu jieħdu l-forma ta' sanzjonijiet amministrattivi, ta' sanzjonijiet kriminali jew ta' kombinazzjoni tat-tnejn li huma, huma għandhom madankollu jiżguraw li l-każijiet ta' frodi serja jew ta' attività illegali serja oħra li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni fil-qasam doganali jkunu suġġetti għal sanzjonijiet kriminali ta' natura effettiva u dissważiva (sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev et, C-612/15, EU:C:2018:392, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).*

49. Il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 68 tal-Kap 37 u l-Artikolu 17 tal-Kap 382 huma miżuri intiżi bħala deterrent effettiv preċiżament sabiex jiġi garantit ġbir sħiħ u effettiv tad-dazji doganali, u sabiex ikun salvagwardjat l-erarju pubbliku u l-interessi ta' negozjanti in buona fede. Il-Qorti rat illi, fil-każ odjern, ir-rikorrent kellu sigaretti u tabakk sdazjati moħbija fi 3 proprjetajiet differenti, u li ma kienx għall-intervent tal-Uffiċjali tad-Dwana, illi baqgħu jinvestigaw u jsaqsu lir-rikorrent jekk kellux proprjetajiet oħra, u ħadu l-inkarigu jmorru jfittxu wkoll fihom, ma kienx ser jinqabad il-kontrabandu li nqabad, b'dana illi kien ikun għad hemm numru ta' oġġetti sdazjati jiġru fis-suq. Huwa fil-fehma tal-Qorti imperattiv illi l-liġi tirregola l-konfiska t'oġġetti sdazjati b'mod strett, sabiex isservi bħala deterrent qawwi kontra l-ksur tal-liġi. Il-miżura illi permezz tagħha tiġi konfiskata wkoll il-proprjeta' immobbli illi fiha jinsabu mistura oġġetti sdazjati, isservi wkoll bħala saff dissważiv ieħor għal min ikun bi ħsiebu jikser il-liġi, b'dana illi jwassal il-messaġġ ċar illi l-istivar t'oġġetti sdazjati fi proprjetajiet differenti, tattika illi forsi wieħed jikkonsidra sabiex ikun aktar diffiċli illi jinstabu l-oġġetti kollha, jaf twassal biss għal telf akbar għall-kontrabandist;

50. Ir-rikorrent jiżbalja meta jikkompara l-valur tad-dazju dovut fuq l-oġġetti sdazjati mal-valur tal-proprjetajiet maqbuda. Fil-fehma tal-Qorti, il-qbid tal-proprjeta' immobbli illi fiha jinsab il-kontrabandu ma jsirx biss bl-iskop illi jagħmel tajjeb għad-dazju illi ma tħallasx. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet Mario Falzon vs Direttur Ġenerali (Dwana) et[26]:

*"[I]l-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-intimati fis-sens li l-għan tal-artikolu 68 huwa wkoll dak li jaħlaq deterrent għat-twettiq ta' reat. Biex deterrent ikun tabilħaqq effettiv, irid joqros fil-laħam il-ħaj u jwassal sabiex min ikun sejjer jagħmel xi ħaġa bi ksur tal-liġi jaħsibha darbtejn qabel ma jagħmila, imqar jekk minħabba l-biżgħa ta' dak li jista' jġarrab jekk jinqabad. B'dan il-mod, id-deterrent iġorr minnu nnifsu element barra min-normal li r-rikorrent, f'dan il-każ tiegħu, iqisu bħala sproporzjonat. Madankollu, id-deterrent jiġi jgħodd biss jekk*

[26] Ref Kostituzzjonali Nru 37/2013, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, Onor Imħ J R Micallef, 23 t'Ottubru 2014

*kemm-il darba xi ħadd jaħbat difru mal-liġi: kien ikun xort'oħra kieku s-sanzjoni tal-konfiska maħsuba fl-artikolu 68 tal-Ordinanza kienet tgħodd ukoll għal min ma jkunx kiser il-liġi. Iżda din is-sanzjoni tgħodd biss għal min jikser il-liġi (u l-prova ta' dan trid issir minn min jallega l-ksur ta' dik il-liġi) u min jikser il-liġi qajla jista' jippretendi li jkun trattat bħallikieku l-liġi ma kisirhiex."*

51. Meta wieħed jikkonsidra s-severita' u l-implikazzjonijiet tar-reat tal-evażjoni ta' dazju, u l-fatt illi l-proċedura illi ġiet esegwita mill-intimat hija proċedura li toħroġ mil-liġi u hija ċara u aċċessibbli għal kulħadd, il-Qorti ma tistax ħlief tqis illi l-ħruġ tan-nota ta' qbid in kwistjoni mhijiex miżura sproporzjonata, iżda waħda illi saret fl-interess tal-obbligazzjonijiet tal-Istat Malti qua Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u fl-interess pubbliku in ġenerali;

52. Konsegwentement, din il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti lanqas tista' tintlaqa' fuq il-premessa illi n-Nota ta' Qbid bir-referenza numru 144/2021 ġiet maħruġa mill-intimat inġustament għaliex l-aġir tiegħu kien sproporzjonat mal-allegat ksur in kwestjoni."

7. Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Micallef, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirrevoka, tħassar u tannulla l-provvediment tat-2 ta' Diċembru, 2022, id-digriet tat-18 ta' Jannar, 2023 u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-22 ta' Ġunju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet premessi u minflok tilqa' t-talbiet tal-appellanti fir-rikors promotur u fir-rikorsi mertu tal-provvediment u d-digriet imsemmija u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

8. Rat ir-risposta tal-appell tad-Direttur Ġenerali (Dwana) (Illum Kummissarju tat-Taxxi u d-Dwana), li permezz tagħha wieġeb li r-rikors tal-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata, kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

9. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan għall-finijiet tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

11. Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent Carmel Micallef qiegħed jattakka n-nota ta' qbid bin-numru 144/2021, maħruġa fil-15 ta' Lulju, 2021, mid-Direttur Ġenerali (Dwana) fil-konfront tiegħu, li permezz tagħha nqabdu il-proprjetajiet : (i) il-ħanut bl-isem "Charlie's Cellars" fi Triq San Kataldu, kantuniera ma' Triq Santa Rita, fir-Rabat; (ii) il-garaxx internament immarkat bin-numru 7, formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet, sottopost bini ieħor, aċċessibbli minn *drive-in* komuni, fi Triq Ħad Dingli, Rabat, Malta, liema *drive-in* tinsab bejn binja bl-isem "Shalom" bin-numru uffiċjali 187 u binja bl-isem "Blossoms" bin-numru uffiċjali mija wieħed u disgħin (191); u (iii) il-garaxx internament immarkat bħala numru 7 formanti minn kumpless ta' garaxxijiet, sottopost bini ieħor, aċċessibbli minn *drive-in* komuni, fi Triq Ħad Dingli, Rabat, Malta, liema

*drive-in* tinsab fuq in-naħa tax-xellug ta' binja bin-numru 175. Fuq l-istess nota ta' qbid jingħad li kienet inħarġet peress li fis-27 ta' Mejju, 2021, fl-imsemmija proprjetà kienu nstabu oġġetti soġġetti għall-konfiska taħt l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa u dan bi ksur tal-Artikolu 17(2) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382). Ir-rikorrent jikkontendi li l-istess nota ta' qbid 144/2021 inħarġet mid-Direttur Ġenerali (Dwana) inġustament u b'użu ħażin tad-diskrezzjoni u s-setgħat amministrattivi mogħtija lilu mill-Kap. 37 u l-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi talab lill-Qorti sabiex tordna r-revoka u l-annullament tal-imsemmija nota ta' qbid; tordna lill-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) sabiex jirrilaxxja f'idejn ir-rikorrenti l-proprjetà immobbli kollha maqbuda bis-setgħa tal-imsemmija nota ta' qbid 144/2021 u li tagħti dawk il-provvedimenti li tqis opportuni. Bl-ispejjeż kontra d-Direttur Ġenerali (Dwana).

12. Filwaqt li d-Direttur Ġenerali (Dwana) ressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu li permezz tagħhom ikkontesta l-pretensjonijiet tar-rikorrent, in kwantu jikkontendi li l-uffiċjali tad-Dwana qabdu lir-rikorrent iġorr sigaretti mingħajr dazju mħallas minn ġewwa wieħed mill-garaxxijiet għal fuq il-vettura tar-rikorrent (Mitsubishi RVR bil-pjanċi tar-reġistrazzjoni *CELLARS,* liema vettura ġiet ukoll ikkonfiskata bin-nota ta' qbid 143/2021). Sussegwentement saret ukoll tfittxija kemm fil-ħanut tar-rikorrent, kif ukoll f'garaxx ieħor, fejn instabu aktar sigaretti sdazjati. Għal dawn is-sigaretti sdazjati u tabakk mingħajr dazju u taxxa mħallsa,

nħarġet ukoll nota ta' qbid 142/2021, liema nota ta' qbid ma ġietx kontestata. Illi li kieku l-uffiċjali tad-Dwana m'għamlux intervent fil-waqt, ir-rikorrent kien ser jevadi dazji u taxxi fl-ammont ta' €20,097.66 u dan a skapitu tal-erarju pubbliku u ta' negozjanti onesti li jimxu mal-liġi. Ġaladarba is-sigaretti u t-tabakk instabu mwarrba, miżmuma u moħbija fit-tliet proprjetajiet immobbli, b'konsegwenza tassattiva tal-Artikolu 17(2) tal-Kap. 382, l-intimat qabad dawn il-propjetajiet permezz tan-nota ta' qbid 144/2021. In kwantu l-proċedura hija waħda *in rem*, il-qbid iseħħ fil-konfront tal-oġġett u mhux fil-konfront ta' persuna. L-azzjoni maħsuba skont l-Artikolu 72 tal-Kap. 37 u l-Artikolu 28 tal-Kap. 382, hija ntiża biss sabiex persuna tikkontesta qbid, sabiex il-Qorti tiddeċiedi jekk l-intimat kienx fis-sewwa u skont il-liġi meta għadda sabiex jaqbad l-oġġetti.

13. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz tal-provvediment tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2022, ċaħdet it-talba tar-rikorrent Carmel Micallef għal referenza kostituzzjonali. Filwaqt li permezz tad-digriet tagħha tat-18 ta' Jannar, 2023, li ċaħdet it-talba tar-rikorrent għal żieda fit-talbiet tiegħu fir-rikors promotur skont l-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mentri permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-22 ta' Ġunju, 2023, l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tad-Direttur Ġenerali (Dwana) fil-ħames u s-sitt paragrafi tar-risposta tiegħu għar-rikors promotur u ċaħdet kemm l-ewwel talba tar-rikorrent, kif ukoll it-talbiet l-

oħra tiegħu peress li huma konsegwenti għall-istess talba. Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

14. Ir-rikorrent ħassu aggravat bl-imsemmija provvediment, digriet u sentenza u għalhekk interpona appell minnhom. L-appell tar-rikorrent jissejjes fuq ħames aggravji:

(I) Fil-provvediment tat-2 ta' Diċembru, 2022, l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament legali żbaljat;

(II) Id-digriet tat-18 ta' Jannar, 2023, mhuwiex imsejjes fuq konsiderazzjoni xierqa;

(III) L-Ewwel Qorti żbaljat meta ma kkunsidratx il-vertenza fid-dawl tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem;

(IV) L-Ewwel Qorti applikat l-*Acquis Communitaire* tal-Unjoni Ewropea b'mod ħażin; u

(V) L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti.

15. Fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta li huwa talab lill-Ewwel Qorti sabiex hija tuża l-poteri mogħtija lilha bil-liġi sabiex tiddeċiedi hija stess jekk hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, skont il-poteri lilha mogħtija bis-saħħa tal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Ifisser li ma jaqbilx mal-ħsieb tal-Ewwel Qorti fis-sens li huwa kien qiegħed jagħmel użu tar-rimedju ordinarju permezz tal-istess kawża. Iżda huwa ried li l-Ewwel Qorti tiddeċiedi wkoll jekk il-poter ta' konfiska mogħti lill-intimat (apparti l-aġir innifsu) huwiex leżiv tad-drittijiet fundamentali, kif ukoll sabiex tgħarbel jekk il-liġi nnifisha hijiex proporzjonata fid-dawl tal-insenjamenti tal-Qrati Ewropej.

16. L-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:

> *"(2)* Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra".*

L-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 huwa sostanzjalment l-istess bid-differenza li l-proviso jirreferi għal "*xi liġi ordinarja oħra*". Huwa minnu li meta f'kawża ċivili quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jitqanqal punt ta' natura

kostituzzjonali, tista' tiddeċidih hija stess mingħajr l-ebda formalità (ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili at-2 ta' Diċembru, 2021, fl-ismijiet **Avukat Dr. Anna Mallia v. Il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura**). Iżda l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex fl-aħħar mill-aħħar tiddeċiedi jekk għandhiex teżerċita s-setgħat tagħha biex tqis l-ilmenti dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali (ara fost oħrajn is-sentenzi fl-ismijiet **Raymond Vella et v. Kummissarju tal-Artijiet** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Mejju, 2004).

17. Minn ħarsa lejn ir-rikors tal-21 ta' Ottubru, 2022, tabilħaqq jirriżulta li r-rikorrenti kien qiegħed jitlob lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi li l-aġir tal-intimat huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu (dawk marbuta mal-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà jew possedimenti), kif ukoll sabiex tiddeċiedi jekk l-Artikolu 68(1) tal-Kap. 37 u l-Artikolu 17(2) tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta humiex leżivi għad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, senjatament l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 1 Protokoll 1 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll għall-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, minn eżami kemm tar-rikors tal-21 ta' Ottubru, 2022, kif ukoll tal-aggravju tal-appellant, dawn huma prinċipalment ibbażati fuq il-kwistjoni li l-ordni ta' qbid fuq tliet proprjetajiet kienet sproporzjonata meta wieħed jikkonsidra l-ammont ta' dazju u taxxi nvoluti.

18. L-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha ta' dan ir-rikors qieset li apparti li kien jeżisti r-rimedju ordinarju, li jikkontesta l-ordni ta' qbid u li jitlob ir-rilaxx ta' proprjetà, r-rikorrenti kien qiegħed proprju jagħmel użu minn dan ir-rimedju permezz tal-proċeduri odjerni, li jekk ikollu eżitu pożittiv jista' jagħti r-rimedju mfittex mill-istess rikorrent. Din il-Qorti taqbel ma' dak li ngħad mill-Ewwel Qorti fis-sens li ma hemm xejn li jwaqqaf lill-Qorti milli tagħti l-ordnijiet meħtieġa nkluż li r-rikorrenti jingħata rimedju sħiħ għall-ilmenti tiegħu mingħajr ma tikkonverti ruħha kif mitlub minnha.

19. Kif jingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Diċembru, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Philip Cardona v. Direttur Ġenerali Dwana:**

> *"...f'kawża ċivili u mhux biss f'kawża kostituzzjonali, il-liġijiet għandhom jiġu interpretati b'mod konformi mad-drittijiet fundamentali. Il-konfiska hija miżura penali u l-liġi ma għandhiex tiġi interpretata b'mod li jiġi penalizzat min ma jaħtix. Jekk ma hemm ebda interpretazzjoni oħra miftuħa l-qorti ta' kompetenza ċivili ma tistax min jeddha "tiddisapplika" l-liġi iżda għandha jew tinqeda bis-setgħa li tagħtiha l-kompetenza kostituzzjonali, jekk tkun il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew inkella, jekk ma jkollhiex dik il-kompetenza, tinqeda bil-proċedura ta' referenza kostituzzjonali. Iżda meta l-liġi tista' tiġi interpretata b'mod konformi, għandha tiġi preferuta dik l-interpretazzjoni, u mhux interpretazzjoni oħra mhix konformi, ukoll jekk dik l-interpretazzjoni jkollha l-konfort tal-ġurisprudenza."*
>
> Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan il-ħsieb.

20. Sa fejn ir-rikorrent appellant jilmenta fl-appell tiegħu dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra fattur importanti tal-proporzjonalità li kien tqajjem sa mill-bidu fir-rikors promotur li kienet ċentrali għall-kawża tiegħu, hawn ukoll din il-Qorti ma tqisx li għandu raġun. Effettivament l-

Ewwel Qorti eżaminat dan il-punt ta' proporzjonalità fid-dettal fil-paragrafi 41 sa 52 tas-sentenza appellata. Il-fatt li forsi l-appellant ma jaqbilx mar-raġunament tal-Ewwel Qorti hija kwistjoni oħra. Imma din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li għażlet li ma teżerċitax is-setgħat tagħha skont l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

21. Fit-tieni aggravju tiegħu, r-rikorrent jilmenta li d-digriet tal-Ewwel Qorti tat-18 ta' Jannar, 2023, mhuwiex imsejjes fuq konsiderazzjoni xierqa. Huwa jilmenta li minkejja li ressaq talba skont l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex ikun hemm żieda fit-talbiet, fis-sens li jkun hemm ukoll ordni tal-Qorti għall-ħelsien tal-proprjetajiet immobbli maqbuda, proprju bbażata fuq l-argument li l-konfiska kienet sproporzjonata, meta mqabbla mal-valur tas-sigaretti u d-dazju li kellu jitħallas fuqhom, iżda jsostni li meta l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tiegħu, id-digriet in kontestazzjoni la kellu xi motivazzjoni u lanqas raġuni li fuqha l-Ewwel Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha, ħlief li ngħad "*għar-raġunijiet indikati mill-Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu*". Jinsisti li biż-żieda mitluba minnu s-sustanza tal-azzjoni attriċi ma kinitx ser tinbidel, iżda kien qiegħed jitlob li l-proċess ġudizzjarju ma jiġix stultifikat fil-konfront tiegħu.

22. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għandu raġun l-appellat meta jingħad minnu li l-fatt li l-Ewwel Qorti għamlet ir-raġunijiet mogħtija mill-Avukat tal-

Istat tagħha, jfisser li dawk ir-raġunijiet kienu l-bażi sabiex hija ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent (u mhux ma tat l-ebda raġunijiet). Fost dawn kien hemm illi, filwaqt li r-rikors promotur kien ibbażat fuq l-Artikolu 72 *et sequitur* tal-Kap. 37 u l-Artikolu 28 tal-Kap. 382, permezz tat-talba għażżieda, kien ser ikun hemm bidla jew twessiegħ fil-mertu sabiex il-kawża ma tibqax titratta biss il-kwistjoni jekk il-qbid tal-proprjetà mertu tal-każ kinitx ġustifikata skont il-liġi, u l-konsegwenti revoka ta' qbid u rilaxx ta' proprjetà, iżda sabiex minflok tiddeċiedi wkoll fuq il-kwistjoni ta' proporzjonalità.

23. Madankollu, għandu jingħad li, fil-verità, l-Ewwel Qorti xorta daħlet fil-mertu tal-kwistjoni tal-proporzjonalità, sabiex tiddetermina jekk kienx hemm raġuni tajba biżżejjed għar-rilaxx tal-immobbli maqbuda – materja li ser tiġi eżaminata wkoll aktar 'il quddiem. Isegwi li dan it-tieni aggravju huwa kemm xejn fieragħ ġaladarba ż-żieda mitluba mir-rikorrent u allura r-revoka tad-digriet tat-18 ta' Jannar, 2023, mhux ser ibiddel xejn mill-eżitu finali tas-sentenza.

24. Jitqies xieraq li f'dan l-istadju jiġi trattat il-ħames aggravju tar-rikorrent appellant, dak fejn jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti. L-appellant jitlaq mill-punt li l-azzjoni tar-rikorrent kienet dik li jikkontesta n-nota ta' qbid 144/2021 u li jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu, mentri l-Ewwel Qorti ma qisitx il-fatt li d-Direttur appellat

ma wettaq l-ebda eżerċizzju sabiex jiddetermina li fil-fatt s-sigaretti misjuba kienu tal-appellant. L-appellant jisħaq li ma jirriżultax li huwa kien konxju tal-preżenza tas-sigaretti inkwistjoni. Dan apparti li wħud mis-sigaretti ma nstabux fil-ħanut iżda barra l-ħanut, fuq il-*porch.* Kwindi l-appellant isostni li ma jistax jiġi konkluż li huwa kellu xjenza tas-sigaretti fil-proprjetajiet inkwistjoni.

25. Għandu jingħad mal-ewwel, li din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-aggravju tar-rikorrent appellant. Ġaladarba r-rikorrent permezz tar-rikors promotur, qiegħed jattakka l-ħruġ tan-nota ta' qbid, skont il-prinċipji tradizzjonali marbuta mat-tressiq ta' provi fil-kamp ċivili, jaqa' fuq l-istess rikorrent appellant il-piż li jġib il-prova meħtieġa sabiex il-Qorti tiddeċiedi, fuq il-bażi ta' probabbiltà, dwar jekk id-Direttur Ġenerali intimat kienx ġustifikat li joħroġ in-nota kkontestata skont il-liġijiet tad-dwana (ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa v. Kontrollur tad-Dwana,** tad-29 ta' Jannar, 2016). Fil-fatt, l-Artikolu 39 tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li l-prova tmiss lil min ikun ressaq it-talba għall-għoti lura tal-oġġetti li jkunu ġew ikkonfiskati. Mentri skont l-Artikolu 73(9) tal-Kap. 37 jipprovdi li l-provvedimenti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Dan ifisser li fil-materja ta' tressiq ta' provi għandu japplika l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah jiġifieri

*onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* (ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Marzu, 2022, fil-kawża fl-ismijiet **Paul Attard v. Direttur Ġenerali (Dwana)**). Mhux meħtieġ mid-Direttur Ġenerali intimat li jagħmel il-prova negattiva.

26. Meta r-rikorrent appellant ressaq l-uffiċjali tad-dwana sabiex jixhdu, ħarġet stampa ċara ta' kif svolġew il-fatti. Waqt li l-uffiċjali tad-dwana kienu fuq xogħol ta' spezzjoni fir-Rabat, lemħu l-vettura bil-pjanċi CELLARS, li kienet tirreferi għall-ħanut tar-rikorrent li kien magħruf magħhom. Wara li mxew wara din il-vettura lemħuha dieħla f'daħla ta' garaxxijiet. Michael Grima, spettur tad-dwana, niżel fid-daħla tal-garaxxijiet u ra lill-vettura wieqfa quddiem garaxx miftuħ, daħal u sab lir-rikorrent qiegħed ipoġġi kartun ta' sigaretti ġewwa basktijiet tal-plastik. Wara li l-uffiċjal identifika ruħu, Grima jiddeskrivi li r-rikorrent deher li nstamat. Wara tfittxija fil-garaxx nstabu kwantitajiet ta' sigaretti li ma kellhomx t-taxxa tas-sisa mħallsa fuqhom, apparti sigaretti li ġew identifikati li huma tal-kuntrabandu (peress li d-dħul tagħhom f'Malta huwa pprojbit). Minn tfittxija fil-vettura bil-pjanċi CELLARS ġie elevat ukoll basket li fih kellu wkoll kartuniet tas-sigaretti.

27. Minn investigazzjonijiet ulterjuri saret tfittxija fil-ħanut tar-rikorrent bl-isem Charlie's Cellars u barra l-ħanut kien hemm *vending machines* imsakkrin permezz ta' ħadida bil-katnazz. Kien ir-rikorrent li kellu ċ-

ċwievet għal katnazz u wara li fetħu, saret tfittxija, fejn irriżultaw numru ta' kartuni ta' sigaretti differenti li wkoll kienu mingħajr bolla tas-sisa. Fil-ħanut ukoll nstabu pakketti tat-tabakk wara l-bank mingħajr bolla tas-sisa. Minn investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li r-rikorrent kellu aċċess għal garaxx ieħor li minnu nstabu 5 *master cases* ta' Business Royals li wkoll ġew elevati. Dak kollu li elevaw l-uffiċjali tad-dwana jinsab elenkat f'lista annessa man-nota ta' qbid (esebita a fol.21), filwaqt li ttieħdu wkoll ir-ritratti ta' dak elevat u l-postijiet minn fejn ġew elevati (esebiti bħala Dok. MG1 sa Dok. MG5 a fol. 103 *et seq* tal-proċess).

28. Dan kollu jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta' Redeemer Farrugia, uffiċjal ieħor tad-dwana li kien preżenti, waqt l-imsemmija spezzjoni. Mentri mix-xhieda ta' Carmel Attard, Kap Spettur, jirriżulta li b'kollox inħarġu tliet noti ta' qbid: nota ta' qbid 142/2021 fir-rigward tas-sigaretti sdazjati, nota ta' qbid 143/2021 fir-rigward tal-vettura u nota ta' qbid 144/2021 fir-rigward tal-proprjetà immobbli fejn instabu l-prodotti tat-tabakk bid-dazju mhux imħallas. Il-valur tad-dazju u t-taxxi mhux imħallsa kienu kkwantifikati skont kif jirriżulta min-nota ta' qbid, total ta' €20.097.66 (esebita a fol. 20). Permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrent qiegħed jattakka biss in-nota ta' qbid 144/2021 fil-konfront tal-proprjetajiet immobbli.

29. Din il-Qorti rat ukoll ix-xhieda tar-rikorrent li għalkemm jikkonċedi li l-proprjetajiet jgħajtu lilu, jittanta jixħet dubju billi jgħid li ma kienx l-unika persuna li kellu aċċess għall-imsemmija proprjetajiet, peress li l-familjari tiegħu, (jiġifieri l-*ex*-mara u t-tfal) ukoll kellhom aċċess għaċ-ċwievet, kif ukoll kien jagħti ċ-ċwievet tal-garaxxijiet lil min kien jikkonsenjalu x-xogħol, jew li fil-każ tal-ħanut, is-sigaretti ma nstabux ġewwa iżda barra fil-loġġja *(porch),* iżda mhix konvinta li r-rikorrent ressaq prova siewja li huwa ma kienx konxju tal-preżenza tas-sigaretti inkwistjoni, kif jingħad fir-rikors tal-appell, jew li ma kellu x'jaqsam xejn magħhom. Mill-assjem tal-provi, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju, li l-proprjetajiet fejn instabu s-sigaretti, kienu taħt il-kontroll u r-responsabbiltà tar-rikorrent, u li kienu qegħdin jintużaw bħala moħba għas-sigaretti sdazjati, kif ukoll li r-rikorrent kellu x-xjenza ta' dan il-fatt.

30. Dan jingħad kemm fir-rigward tal-ħanut, li fih kien hemm it-tabakk sdazjat wara l-bank, kif ukoll għall-loġġja, li effettivament għalkemm tinsab eżatt barra l-ħanut, is-sigaretti sdazjati nstabu wara parti mill-*vending machine* li kienet magħluqa b'ħadida permezz ta' katnazz li għalih ir-rikorrent kellu ċ-ċwievet. Hekk ukoll, is-sigaretti sdazjati li nstabu fil-garaxxijiet, ir-rikorrent inqabad fil-fatt iġorr uħud minn dawn is-sigaretti li nstabu wkoll fil-karozza li kien qiegħed isuq. Apparti li huwa nverosimili li d-*delivery men* imorru jiddepositaw sigaretti sdazjati fil-garaxxijiet ta' terzi, jew li jaħbu dawn is-sigaretti f'postijiet differenti li kienu kollha taħt

il-kontroll tar-rikorrent li kien jiġġestixxi n-negozju ta' bejgħ ta' xorb u sigaretti, jibqa' l-fatt li r-rikorrent ma ressaq lil ebda xhud ieħor li jagħti sostenn għall-verżjoni tiegħu. Pjuttost il-fatti juru li r-rikorrent kien fassal skema fejn jaħbi s-sigaretti sdazjati f'postijiet differenti li kellu kontroll fuqhom, f'tentattiv li jevadi l-ħlas ta' taxxi dovuti lill-erarju pubbliku. Min jikser il-liġi ma jistax jippretendi li jiġi skużat jew li jkollu dritt iressaq azzjoni legali bbażata fuq l-illegalità mwettqa minnu– *ex turpi causa non oritur actio*.

31. Għalkemm huwa minnu li l-valur proprjetajiet kif stmati mill-perit inkarigat mir-rikorrent, jisboq l-ammont li huwa dovut lill-erarju pubbliku, kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza ta' **Falzon v. Direttur Ġenerali (Dwana),** fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2014, wieħed ma jistax jinsa li l-provvediment tal-liġi, għalkemm jista' jitqies bħala ta' ċertu severità, għandu element ta' deterrent sabiex persuna taħsibha sew qabel ma tidħol għall-attività (il-kuntrabandu) li tista' ġġib konsegwenzi serji jekk tinqabad. Wara kollox, sewwa hemm ingħad li sabiex "*deterrent ikun tabilħaqq effettiv, irid joqros fil-laħam il-ħaj u jwassal biex min ikun sejjer jagħmel xi ħaġa bi ksur tal-liġi jaħsibha darbtejn qabel ma jagħmilha, imqar jekk minħabba l-biżgħa ta' dak li jista' jġarrab jekk jinqabad*." Hekk ukoll relevanti hija s-silta fejn ingħad: *"L-argument tar-rikorrent iwassal ukoll għal konklużjonijiet xi ftit jew wisq assurdi, fis-sens li jekk x'ħin jinstabu l-oġġetti bla dazju dawn*

*ikunu qrib jew ftit 'il barra mdawrin mal-meżż tal-ġarr imma mhux fih, l-meżż tal-ġarr ma jistax jitqies li kien intuża għall-ġarr, tiżmim jew ħabi tal-istess oġġetti."* – Dan japplika perfettament għall-argument tar-rikorrent fir-rigward tas-sigaretti li nstabu wara l-friġġ fil-loġġja, barra l-ħanut. Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Ewwel Qorti u għalhekk il-ħames aggravju tar-rikorrent appellant ma jimmeritax li jintlaqa'.

32. Imiss li jiġi trattat it-tielet aggravju, dak fejn ir-rikorrent appellant isostni li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ma kkunsidratx il-vertenza fid-dawl tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Jisħaq li l-Prim'Awla setgħet teżerċita l-kompetenza dupplići tagħha, kemm dik ordinarja, kif ukoll dik kostituzzjonali, peress li hija l-forum adegwat, kwindi jsostni li l-Ewwel Qorti kienet obbligata li tieħu konjizzjoni tal-ilmenti tiegħu ta' natura kostituzzjonali. Jilmenta li meta l-Ewwel Qorti qieset ruħha mhux kompetenti sabiex tiddeċiedi l-lanjanzi kostituzzjonali, hija nnutat li ma tressqet l-ebda talba sabiex jiġi dikjarat li kien hemm vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali. Dan meta, l-istess rikorrent ifakkar li, kien ressaq talba skont l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tiddeċiedi l-ilmenti ta' natura kostituzzjonali/konvenzjonali tiegħu. Iżda l-Ewwel Qorti ddeklinat milli teżerċita s-setgħat tagħha u saħansitra ċaħdet it-talba tiegħu għal żieda ta' talba skont l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 u f'kull każ, il-

kwistjoni ta' proporzjonalità tqajjmet ukoll fir-rikors promotur. Ir-rikorrent appellant jisħaq fuq il-prinċipju ta' proporzjonalità, jilmenta li l-liġi hija robotika fir-rigward tal-konfiska tal-proprjetà, mingħajr ma tagħti l-ebda limitu fir-rigward tal-valur tal-proprjetà. L-unika distinzjoni li ssir fil-liġi hija fil-każ ta' bastimenti, mentri d-disproporzjonalità bejn il-valur tat-taxxa u dazju perkolati u l-valur tal-proprjetajiet maqbuda, mhix indirizzata fil-liġi. Dan iwassal għall-argument dwar jekk l-Artikolu 68(1) tal-Kap. 37 u l-Artikolu 17(2) tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta, huma leżivi għad-drittijiet fundamentali ta' tgawdija tal-proprjetà tar-rikorrent appellant, kif sanċit fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Kwindi l-Ewwel Qorti kellha tindaga fuq il-lanjanzi kostituzzjonali tal-appellant u konsegwentement tilqa' t-talbiet tiegħu fir-rikors promotur.

33. Jibda billi jiġi osservat illi, sa fejn l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet obbligata li tieħu konjizzjoni tal-ilmenti tiegħu ta' natura kostituzzjonali, jiġi ribadit dak li ngħad taħt l-ewwel aggravju, fis-sens li meta f'kawża ċivili jitqanqal punt ta' natura kostituzzjonali,quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, hija għandha l-kompetenza u tista' tiddeċiedi hija stess dak il-punt mingħajr l-ebda formalità. Iżda l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jħalli fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti sabiex tiddeċiedi jekk għandhiex teżerċita s-setgħat tagħha biex tqis l-ilmenti dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali (ara l-ġurisprudenza hemm

imsemmija). Iżda kif ingħad qabel, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li kien ikun xieraq li l-ewwel jiġi nvestit ir-rimedju ordinarju nvokat mill-istess rikorrenti permezz tal-proċeduri odjerni, b'dan illi qieset li dawn il-proċeduri setgħu joffru lir-rikorrenti rimedju effettiv.

34. Huwa f'dan is-sens li għandu jinftiehem il-kumment tal-Ewwel Qorti li fil-każ illi hija kienet ser tagħti xi deċiżjoni dwar vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali, tkun marret *ultra petita*, jiġifieri oltrè t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur, peress li minkejja li fid-deċiżjoni hija kellha obbligu li tinterpreta l-liġi skont il-prinċipji ta' drittijiet fundamentali, kienet tkun qiegħda tiddeċiedi lil hinn mill-parametri tal-kawża odjerna li kieku daħlet fil-mertu dwar il-kostituzzjonalità tal-provvedimenti tal-liġi tad-Dwana. Ġaladarba r-rikorrent permezz tal-azzjoni odjerna, kien qiegħed jitlob ir-revoka tan-Nota ta' Qbid fuq il-bażi li kien qiegħed jattakka l-aġir tal-intimat in kwantu jingħad li għamel użu ħażin tad-diskrezzjoni u s-setgħat amministrattivi mogħtija lilu mill-Kap. 37 u 382, in kwantu rregolari, jeħtieġ li l-ewwel jiġi investit tali aġir, fil-qafas tal-provi fil-mertu u fil-parametri tal-provvedimenti tal-liġi. F'dan is-sens huwa meħtieġ li jiġi eżawrit ir-rimedju ordinarju sabiex jiġi determinat jekk l-intimat mexiex skont il-liġi, qabel ma jsir stħarriġ dwar il-kostituzzjonalità tal-provvedimenti tal-liġi. Minkejja dan, l-Ewwel Qorti qieset f'ċertu dettal l-ilment ta' natura kostituzzjonali tar-rikorrent sa fejn jitratta n-nuqqas ta' proporzjonalità bejn il-valur tat-taxxi fuq l-oġġetti sdazjati u l-valur tal-proprjetà immobbli maqbuda.

35. Is-sentenza ċitata mill-appellant fl-ismijiet **Pulizija v. Omar Azumi** (deċiża finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ġunju, 2021) kienet titratta ċirkostanzi differenti, fis-sens li dak il-każ kien jitratta l-konfiska tassattiva ta' flus kontanti 'l fuq minn €10,000, fejn l-akkużat ma kellux l-opportunità li jipprova juri li l-flus kienu ġejjin minn sors leġittimu. F'dak il-każ, kuntrarjament għal dan, ma kienx hemm mekkaniżmu ta' kontestazzjoni. Mentri f'dan il-każ, ir-rikorrent appellant, kellu l-opportunità li skont l-istess liġi invokata minnu fir-rikors promotur, jikkontesta l-ordni ta' qbid. Kif ingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet **Mario Falzon v. Direttur Ġenerali (Dwana)** :

> *"...għalkemm fir-rigward tad-Direttur intimat il-konfiska tal-vann hija tassattiva bla ma tħallilu diskrezzjoni, ma jistax jingħad l-istess għas-setgħat ta' qorti fit-tħaddim tal-imsemmi artikolu 68. Il-fatt li r-rikorrent innifsu nieda proċedura taħt l-artikolu 73 tal-istess Ordinanza jixhed li l-liġi nnifisha tagħti rimedju ta' stħarriġ u diskrezzjoni li jistgħu jwasslu biex, fi proċedura ta' natura ċivili, l-qbid ta' xi oġġett magħmul mid-Direttur intimat jista' jitwaqqa' billi l-Qorti tordna r-rilaxx ta' dak l-oġġett favur sidu, wara proċediment li fih sid il-ħaġa nnifsu jista' jagħtiha raġunijiet tajbin biex tagħżel li tagħmel dan. Li kieku l-artikolu 68(1) kien tabilħaqq jorbot idejn kull qorti, il-proċedura mnedija mir-rikorrent kienet tkun biss waħda formali bla għoti ta' rimedju sostantiv, li ma huwiex il-każ."*

36. Tajjeb jingħad ukoll li dik il-Qorti fis-sentenza appena ċitata waslet għall-konklużjonijiet tagħha wara li eżaminat l-ilmenti dwar il-proporzjonalità fil-qafas ta' każistika wkoll tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fosthom fil-kawża fl-ismijiet **AGOSI v. Renju Unit**

(Applik. Nru. 9118/80) deċiża fl- 24 ta' Ottubru, 1986, u l-kawża fl-ismijiet **Ismayilov v. Russja** (Applik. Nru. 30352/03) deċiża fis-6 ta' Novembru, 2008, li jibqgħu relevanti. Isegwi li minkejja li l-intimat m'għandux diskrezzjoni fil-ħruġ tan-nota ta' qbid, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni meħtieġa sabiex tistħarreġ is-siwi taż-żamma fis-seħħ tan-nota ta' qbid, tant li f'dan il-każ ukoll, apparti li eżaminat il-mertu tar-rikors promotur, jiġifieri jekk l-intimat mexiex sew meta ħareġ l-ordni ta' qbid, eżaminat ukoll il-kwistjoni ta' proporzjonalità, li fil-verità kien il-pern tal-ilment tar-rikorrent.

37. Hekk ukoll, l-argument tal-appellant fis-sens li l-liġi tagħmel distinzjoni fil-każ ta' bastimenti, li ma tapplikax fil-każ ta' proprjetà immobbli, dan l-argument ukoll ma jreġix. Apparti li l-liġijiet doganali, fil-każ ta' bastimenti jagħmlu distinzjoni bejn id-diversi tunnellati u dan għall-fini li jistabilixxu garanzija differenti (li tvarja bejn €500,000 u €1,300,000) skont il-portata tal-bastiment, għaż-żamma tal-garanzija minflok il-bastiment, fil-verità, kif ġustament osservat mill-appellat, f'dan il-każ ukoll, ir-rikorrent appellant għandu l-opportunità li jieħu lura l-immobbli kontra l-ħlas ta' garanzija, sakemm l-azzjoni fir-rigward tibqa' pendenti. Fil-fatt l-Artikolu 29(2)(a) tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi:

> *"(2) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), meta jkun debitament ingħata avviż dwar rikors rigward oġġett maqbud skont l-artikolu 28, il-Kummissarju jista' kif jidhirlu xieraq u minkejja li jkunu għadhom għaddejja l-proċedimenti li fihom qed jiġi kontestat dak il-qbid –*

> ***(a) jikkonsenja l-oġġett lir-rikorrent wara li titħallas lill-Kummissarju dik is-somma li l-Kummissarju jidhirlu xieraq, li tkun somma li ma tkunx iżjed mill-ammont li fl-opinjoni tal-Kummissarju jirrappreżenta l-valur tal-oġġett, inkluż kull dazju jew taxxa li jitħallsu fuq dak l-oġġett u li ma jkunux għadhom tħallsu,"***

Dan hu rimedju ieħor ordinarju li r-rikorrent appellant naqas milli jagħmel użu minnu li jista' wkoll jindirizza wħud mill-ilmenti mqajma minnu. Għalhekk ukoll ma jkunx xieraq li f'dan l-istadju jiġi nvestit l-ilmenti Kostituzzjonali u Konvenzjonali tar-rikorrent.

38. Dan apparti li l-kwistjoni ta' proporzjonalità invokata mir-rikorrent appellant, ma tistax tkun ridotta għal sempliċi paragun bejn il-valur tal-oġġetti sdazjati u l-valur tal-proprjetà immobbli maqbuda mill-intimat appellat skont il-liġi, peress li kif ingħad drabi oħra l-konsiderazzjonijiet li jeħtieġ li jsiru huma aktar minn eżerċizzju sempliċi ta' matematika kif jittanta jargumenta l-appellant. Kif ingħad fis-sentenza ta' **Falzon v. Direttur Ġenerali (Dwana)** msemmija qabel:

> *"...il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrent li l-kejl tal-proporzjonalita' jittieħed biss bejn il-valur tal-mezz tal-ġarr (bastiment, vettura jew bhima li tkun) u l-oġġetti żdazjati li jinsabu fih jew fuqu: tifsira bħal dik tal-liġi tkun qiegħda ġġib fix-xejn l-għan kollu li għalih il-leġislatur daħħal is-sanzjoni tal-artikolu 68 fil-qafas regolatur tal-liġi."*

Isegwi li dan it-tielet aggravju tar-rikorrent appellant ukoll ma jreġix, peress li l-Ewwel Qorti eżaminat sew il-pretensjonijiet tar-rikorrent fil-kuntest tal-kwistjoni ta' proporzjonalità mqajma minnu.

39. Jonqos li jiġi trattat ir-raba' aggravju tar-rikorrent appellant, dak fejn jilmenta li l-Ewwel Qorti applikat l-*Acquis Communitaire* tal-Unjoni Ewropea b'mod ħażin. Għalkemm ir-rikorrent appellant jikkonċedi li l-Ewwel Qorti ġustament wettqet l-eżerċizzju li tikkunsidra l-prinċipji żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, inkluż dak ta' proporzjonalità, ma jaqbilx mal-mod kif sar dan l-eżerċizzju. Huwa jistaqsi kif wieħed jista' ma jikkumparax il-valur tad-dazju u tat-taxxi perkolati fl-ammont ta' €20,097.17 mal-valur tal-immobbli maqbuda (ta' €320,000)? Dan jingħad b'referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fl-ismijiet **Il-Kummissjoni Ewropea v. Ir-Renju Unit** tat-8 ta' Marzu 2022, fis-sens li sabiex inaqqsu l-evażjoni tat-taxxa u d-dazju, s-sanzjonijiet għandhom ikunu verament diżważivi u effettivi, kkwotata estensivament mill-ewwel Qorti. Peress li sanzjonijiet intensi u effettivi m'għandhomx ikunu eċċessivi.

40. Inoltre, l-appellant jisħaq li jekk wieħed japplika l-prinċipji tal-Unjoni Ewropea, allura għandhom jiġu applikati dawk il-prinċipji kollha relevanti, jiġifieri dak ukoll tal-proporzjonalità tas-sanzjoni, skont l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dooel Uvoz-Izvoz Skopje Link Logistic N & N v. Budapest Rendörfökapitánya** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-4 ta' Ottubru, 2018, sabiex isostni l-punt li l-qbid ta' tliet proprjetajiet immobbli għal dazju u taxxa perkolati ta' €20,097.17

mhuwiex proporzjonat. Kwindi l-ewwel Qorti, wara li tapplika l-prinċipji kollha applikabbli, kellha ssib vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

41. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-aggravju tar-rikorrent appellant, peress li hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti wettqet eżerċizzju mirqum tal-prinċipji legali applikabbli għall-każ in eżami. Il-ħtieġa li l-liġijiet doganali iservu ta' deterrent fil-ġlieda kontra l-kuntrabandu, sabiex jiġi tutelat kemm l-erarju pubbliku, kif ukoll negozjanti onesti, fl-eżami tal-element tal-proporzjonalità tal-miżura meħuda, fil-kuntest tal-provvediment tal-Konvenzjoni Ewropea, kien punt li tqanqal ukoll fis-sentenza ċitata ta' **Falzon v. Direttur Ġenerali (Dwana)** li proprju qieset ukoll każistika tal-Qorti Ewropea (ara paragrafu 36 ta' din is-sentenza).

42. Minkejja d-distakk bejn il-valuri kif esposti mir-rikorrenti bejn il-valur tat-taxxa u d-dazju mhux imħallsa u l-valur tal-propjetajiet milquta permezz tan-nota ta' qbid, dan l-ilment tar-rikorrent ma jistax jittieħed b'kejl biss ta' tqabbil ta' ammonti, iżda fil-kuntest ta' provvedimenti ta' konfiska maħsuba sabiex iservu ta' deterrent għal dawk li jiddeċiedu li jmexxu n-negozju permezz ta' kuntrabandu. L-aġir tar-rikorrent appellant li jaħbi s-sigaretti sdazjati f'postijiet differenti jixhed attentat studjat da parti tiegħu sabiex jirnexxi fl-għan tiegħu li jevadi l-ħlas tad-dazju, aġir serju li m'għandux jiġi ppremjat, anzi jimmerita l-implimentazzjoni tal-miżura severa kkontemplata fil-liġi. Il-liġijiet doganali, kif imfassla, fejn

jissoġġettaw tassattivament għall-konfiska kemm ta' vetturi, bastimenti jew mezzi oħra ta' ġarr li jintużaw fl-importazzjoni, żbark, twarrib, żamma, ħabi jew ġarr ta' oġġetti, kif ukoll il-proprjetà mobbli jew immobbli li fiha jinsabu l-oġġetti li huma mfassla bl-għan li ma jkunx hemm propju favoritiżmu jew diskriminazzjoni fil-ġlieda kontra l-kuntrabandu, in kwantu l-miżuri jistgħu oġġettivament jitqiesu wiesgħa biżżejjed sabiex jolqtu lil kull min jittanta jevadi l-ħlas tad-dazju u t-taxxi dovuti lill-erarju pubbliku.

43. Fil-verità jekk wieħed joqgħod biss fuq il-paragun bejn il-figuri, kif jargumenta l-appellant, jiġi stultifikat l-għan maħsub fil-liġi u jimmina l-ġlieda kontra l-kuntrabandu u l-evażjoni fiskali, bi ħsara lejn ir-reputazzjoni u l-ekonomija tal-pajjiż, kif ukoll għal dawk in-negozjanti onesti li jimxu skont il-liġi. Dan wara kollox, huwa wkoll il-ħsieb wara l-provvedimenti tal-liġi fil-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea li ma jipprekludux il-jedd tal-Istat li jintervjeni b'teħid ta' proprjetà (ara paragrafu (b) tal-Artikolu 37(2) tal-Kostituzzjoni u t-tieni paragrafu tal-ewwel Artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea). L-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika l-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali. Il-bilanċ li għandu jiġi rispettat mhuwiex b'referenza għall-valur tal-proprjetajiet maqbuda b'paragun mad-dazju u t-taxxi dovuti, iżda bejn l-interessi ġenerali u dawk tal-individwu. (Ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Sede

Kostituzzjonali, fil-kawża fl-ismijiet **Mario Falzon v. Kummissarju tad-Dwana,** deċiża 31 ta' Mejju, 2018).

44. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, filwaqt li huwa minnu li jispikka d-distakk bejn il-valur tad-dazju u taxxi dovuti lill-erarju pubbliku u l-valur tal-proprjetajiet maqbuda, dan id-distakk huwa biss riflessjoni tal-miżura meħtieġa sabiex isservi ta' deterrent għall-kuntrabandu fl-interess ġenerali. Id-distakk bejn iż-żewġ valuri waħdu u fih innifsu ma jitqisx bħala prova suffiċjenti li r-rikorrent bħala individwu sofra xi preġudizzju eċċessiv jew irrimedjabbli għad-drittijiet fundamentali tiegħu. Wara kollox, kif osservat qabel, ir-rikorrent għandu għażla oħra disponibbli għalih, dik li jħallas somma bħala garanzija, u dan minflok it-tliet proprjetajiet maqbuda.

45. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-eżami mwettaq mill-Ewwel Qorti fid-dawl tal-applikazzjoni tal-*acquis communitaire* għall-ilment tar-rikorrent dwar il-proporzjonalità. Anzi, wara li din il-Qorti rat ukoll is-sentenza **Dooel Uvoz-Izvoz Skopje Link Logistic N & N v. Budapest Rendörfökapitánya** li għaliha għamel referenza l-appellant, fejn hemm jingħad ukoll:

> " 45 It follows that the principle of proportionality requires, first, that the penalty imposed corresponds to the seriousness of the offence and, second, that the individual circumstances of the particular case

> are taken into account in determining the penalty and fixing the amount of the fine."

Dan hu l-eżerċizzju li twettaq mill-Ewwel Qorti u għalhekk l-ilment li l-Ewwel Qorti applikat l-*aquis communitaire* b'mod ħażin ma jreġix. Isegwi li lanqas dan l-argument ma jista' jirnexxi, anzi fil-fehma ta' din il-Qorti, f'dan il-każ jirriżulta li ntlaħaq il-bilanċ meħtieġ u għalhekk dan l-aggravju ser jiġi wkoll miċħud.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, tiddisponi mill-appell tar-rikorrent appellant billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-22 ta' Ġunju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sħiħ. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da